MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6

**14 ta' Ottubu 2019**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Karl Cutajar – Viċi Sindku
Justin Schembri - Kunsillier
Nancy Aquilina – Kunsillier
Rita Borg - Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier
Sephora Cutajar - Kunsillier
Deborah Mifsud - Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Francis Pullicino - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Marie Claire Zammit – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti s-Sinjuri Joanne Debono Grech, Justin Schembri, Karl Cutajar, Nancy Aquilina, Rita Borg, Kaylocke Buhagiar, Antoine Attard, Owen Patrick Attard, Sephora Cutajar, Deborah Mifsud, John Mizzi u Francis Pullicino.

**6.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

6.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

6.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien rċieva ittra ta' apoloġija mill-Kunsilliera s-Sa. Marie Claire Zammit Bonello li kienet imsiefra. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

**6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

6.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 5 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

6.2.2 Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Fuq proposta tas-Sindku s-Sa Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsilliera s-Sinjuri Rita Borg u Deborah Mifsud, il-minuti tal-laqgħa numru 5 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

6.2.3 *Matters arising:*

6.2.4 B'referenza għal item 5.5 (Ftehim Ta' Monita) is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġie mistoqsi għall-posizzjoni finali tal-Kunsill f'dan ir-rigward. Kien hemm qbil illi jekk se jkun hemm bieb wieħed biss bejn is-*shopping centre* u l-istazzjon, u dan jissakkar miż-żewġ naħat, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

6.2.5 B'referenza għall-grawnds ta' Ġnien John Borg, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa' s-sottokumitat bejnu, u l-Kunsilliera s-Sinjuri Justin Schembri u Kaylocke Buhagiar u kienu qed jissuġerixxi li joħroġ tender biex naraw min joffri l-iktar għal dawn il-granwds. Ġew diskussi xi regoli fosthom li min se jieħu l-grawnds, irid jiftaħ b'xejn bejn id-9am u s-6pm, pero imbagħad ikun jista' jiċċarġja għal wara dak il-ħin. Il-Kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezzjoni, u se jinħareġ it-tender.

**6.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

6.3.1 Ma kienx hemm kommunikazzjonijet mis-Sindku.

**6.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

6.4.1 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal illi l-bozza fuq il-klabb tat-tennis kienet weħlet u l-każ issolva.

6.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri qal illi wasal iż-żmien li nikkunsidraw li nneħħu l-iskips kollha mhux biss il-ħodor imma anke tar-riċiklaġġ għax hawn biżżejjed servizz dar b'dar. Minflokhom jistgħu jsiru siġar jew pjanti. Il-Kunsillier is-Sa. Deborah Mifsud qalet li jistgħu isiru parkings. Ġie deċiż illi nitkellmu mal-greenpak dwar dawn l-idejat.

**6.5 Rapport Bord ta' l-Għażla – Segretarju Eżekuttiv**

6.5.1 Iċ-*Chairperson* tal-Bord ta' l-Għażla s-Sur Adrian Mifsud qal illi wara li ftaħna s-sejħa ta' l-għażla għal segretarju eżekuttiv ġdid, applikaw 4 persuni. Applikazzjoni waħda ma setgħetx tiġi milqugħa għax ma ġietx mill-pool tas-segretarji. Applikazzjoni minnhom ma ġabitx marki biżżejjed biex tgħaddi u kien hemm żewġ applikazzjonijiet li ġabu marki suffiċjenti biex għaddew fl-intervisti li għamilna fit-3 ta' Ottubru. Ir-rakkomandazzjoni tal-Bord hija li billi ż-żewġ kandidati qegħdin ferm

viċin xulxin bħala marki, se jsiru intervisti oħra iktar fid-dettall mat-tnejn li huma ħalli l-Bord jasal għal rakkomandazzjoni finali.

6.5.2 Il-Kunsillier is-Sur Francis Pullicino saqsa jekk hemmx xi kandidat li għandu aktar esperjenza mill-ieħor. Is-Sur Mifsud qal li minn dak li rċevejna ħadd ma serva bħala Segretarju Eżekuttiv.

6.5.3 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri saqsa lis-Sindku jekk it-tieni intervisti jsirux mill-istess Bord, is-Sindku qaltlu li iva. Huwa saqsa jekk is-Sindku tħossx li fil-Bord ta' l-Għażla tar-Riżorsi Umani għandhomx ipoġġu rappreżentant tal-kunsilliera anke bla vot imma bħala osservaturi. Is-Sindku qaltlu li ma taqbilx għax trid tħalli l-għażla kompletament f'idejn nies tekniċi bla indħil u pressjoni.

**6.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

6.6.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 11 ta' Novembru fis-6pm.

Konfermati, illum 11 ta' Novembru 2019.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |